MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2010

Numru 1300/2010

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Hersey)

vs

Omar Ibrahim Najem

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat numru ta’ passaport Sirjan 002622944, akkuzat talli:

1. fix-xhur li ghaddew, bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta, ghamel jew gaghal illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 32(1)(C) tal-Kap 217.

2. fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat, u cioè karta ta’ identita’ Rumena numru ZX690048, u licenzja tas-sewqan Rumena bin-numru S00432801P. Dan bil-ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 u l-Artikolu 189 u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------